MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 861/2004

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjetà estera**
**AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha CPS Limited u l-istess CPS Limited u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 Atlas Insurance Limited assumit l-atti ta'**
**Atlas Insurance Agency Limited**

**-vs-**

**Jonathan Bonello**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm283.85c li huma ekwivalenti ghal €661.19 li minnhom Lm25 (€58.23) qieghdin jigu mitluba mis-socjetà attrici CPS Limited u dan in segwitu ghad-danni sofferti minnhom wara incident awtomobilistiku li gara f' H'Attard fit-30 ta' Gunju, 2001 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru

CBF185 u habat mal-vettura AAL715 proprjetà tas-socjetà attrici CPS Limited u misjuqa minn John Micallef, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti. L-atturi qieghdin jitolbu wkoll l-ispejjez tal-ittri ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2002 u 8 ta' Jannar, 2004 u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dawn l-atti taht il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mis-27 ta' Mejju, 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u ziedu illi l-Avviz odjern huwa mertu tal-Avviz 310/02 JAB fl-ismijiet 'Untours Insurance Agents Limited nomine et vs John Micallef u dan gie avzat lill-atturi wara li saret l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 2002 u li l-atturi flok stennew l-ezitu tal-imsemmija kawza pprocedew bl-istanti.

Sema` x-xhieda ta` PS 1043 Francis Pace u ta' John Micallef.

Ra l-atti kollha tal-kawza kif ukoll, kif awtorizzat mill-partijiet, l-atti tal-kawza fl-ismijiet 'Untours Insurance Agents Limited nomine et vs John Micallef' deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 t'April, 2008 (Appell Civili Numru 310/2002/1) kif ukoll is-sentenza tal-istess kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-atturi u ta' Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi John Micallef kien qed isuq il-vettura AAL 715 proprjetà tal-kumpanija CPS Limited mentri l-konvenut Jonathan Bonello kien qed isuq il-vettura CBF 185. Micallef kien niezel minn Valletta Road, Attard bl-intenzjoni li mbaghad jaqbad Notary Zarb

Street mentri Bonello kien gej minn Notary Zarb Street u dar il-liwja li hija liwja ta` madwar 140$^{o}$. Il-kollizzjoni sehhet hekk kif iz-zewg vetturi, li kienu mixjin f'direzzjoni opposta ta' xulxin.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi Bonello li kien qed idur biex jaqbad Valletta Road hareg bi ftit oltre il-linja medjana tat-triq u bil-parti ta' quddiem in-naha tal-lemin tal-karozza tieghu laqat il-genb tal-vann misjuq minn Micallef, bazikament fiz-zaqq tal-istess karozza tant illi din il-karozza, bil-forza tal-impatt, tmejlet fuq zewg roti (man-naha tal-passiggier) u anke habtet mal-*boundary wall* man-naha tax-xellug tal-istess vettura sakemm regghet giet f'posta.

L-isketch a fol 33 tal-process juri kif spiccaw il-vetturi wara l-incident.

Dan it-Tribunal m'ghandux wisq xi jzid ma' dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie konkluz illi l-htija unika ghall-incident in kwistjoni kienet imputabbli ghall-konvenut odjern Jonathan Bonello. Tajjeb li jigi raffermat, kif sewwa qalet l-imsemmija Qorti tal-Appell:

"Illi fir-rikostruzzjoni tad-dinamika tal-incident u l-aktar dak tar-ricerka tal-kawza prossima tar-riskontru, hu dejjem mistenni li wiehed jikkonsidra, fil-kumpless, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mument ghax dawn, akkopjat ma` dak il-fattur l-iehor singolat, jistghu jghinu biex jigi determinat jekk is-sewwieqa involuti ottemperawx ruhhom mal-osservanzi tas-sewqan garbat u tal-prudenza komuni."

Fid-dawl ta' dan it-taghlim u hsieb, it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-kumpless ta' provi prodotti jidher car illi l-konvenut, li qabel l-incident kien qed isuq minn-Notary Zarb Street bl-intenzjoni li jikser lejn ix-xellug u jaqbad Valletta Road, baqa' ghaddej b'certu *momentum* tant illi huwa xehed li kien ghadu ghaddej *on third gear* u di fatti jirrizulta wkoll li huwa hareg ftit 'il hinn mill-linja medjana tat-triq. Certament meta wiehed qed jaghmel manuvra

simili wiehed kien jippretendi aktar attenzjoni biex b'hekk dan is-sewwieq ikun jista' jaccerta ruhu li l-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel seta' jespletaha minghajr xkiel jew ostakolu ghal traffiku iehor.

Da parti tas-sewqan ta` Micallef li kien qed isuq il-vettura tas-socjetà attrici, jidher car mill-provi prodotti illi huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, kif kellu kull dritt li jaghmel, u f'daqqa wahda gie rinfaccat bil-vettura misjuqa minn Bonello li laqtitu fil-genb tieghu.

Certament mill-provi prodotti ma jirrizulta xejn li jista' jwassal lil dan it-Tribunal biex jikkonkludi li Micallef kellu htija ghall-incident.

Il-kawza prossima tal-kollizjoni kien l-fatt li Bonello invada bi ftit l-karregjata ta' Micallef u ma kienx hemm fatturi ohra fil-kumpless tac-cirkostanzi li jxejnu jew jtappnu din l-konkluzjoni.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma kif ukoll kienu tal-fehma l-Qorti tal-Appell u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza fuq imsemmija, illi r-responsabbilta unika ghall-kollizzjoni in kwistjoni hija imputabbli ghall-konvenut odjern Jonathan Bonello.

Dwar il-*quantum* tad-danni, jirrizulta mill-verbal li gie registrat fl-4 t'Ottubru, 2006 li dawn mhux qed jigu kontestati u ghalhekk it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqtà u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' €661.19 ekwivalenti ghal Lm283.85 bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------